# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors Maħluf numru 1195/2010/1 MCH**

**Lawrence Gauci u martu Maria Dolores Gauci; u b'dikriet tas-17 ta' Novembru 2015 wara l-mewt tal-attriċi Maria Dolores Gauci il-kawża tkompliet f'isem Josette Muscat, Mariella Gauci u Carmelino Gauci**

***v.***

**Id-Direttur Ġenerali tal-Artijiet (Dipartiment Proprjetà tal-Gvern); u b'dikriet tal-31 ta' Jannar 2011 issejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Artijiet; u b'dikriet tal-14 ta' Ġunju 2011 il-Kummissarju tal-Artijiet inħareġ mill-kawża u ssejjaħ fil-kawża l-Uffiċju Konġunt; u b'dikriet tat-18 ta' Ġunju 2013 issejjaħ fil-kawża Joseph Galea; u b'dikriet tal-20 ta' Jannar 2022 il-kawża tkompliet kontra l-Awtorità tal-Artijiet minflok l-Uffiċċju Konġunt**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru 2016 li sabet illi lill-atturi ma seħħilhomx juru kif tird il-liġi illi qabel ma nħareġ l-Iskema għal Art Agrikola fis-sena 2001 huma kienu jżommu l-porzjonijiet r-raba' li dwarhom saret il-kawża in *buona fede*, jew għandhom dritt li jġiegħlu lid-dipartimenti konvenuti jagħarfuhom fit-titolu tal-qbiela li jivvantaw. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Din il-kawża hija dwar sejħa għall-offerti għall-kiri ta' art tal-Gvern *ai termini* tal-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta. L-atturi jikkontendu li ilhom jokkupaw u jaħdmu *in buona fede* żewġ għelieqi, proprjetà tal-Gvern, għal aktar minn għoxrin sena u dan wara li erba' xebbiet, l-aħwa Micallef, titolari tal-qbiela, waqfu jaħdmu dawn l-għelieqi. Wara li ħarġet skema għall-art agrikola, *ai termini* tal-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur Lawrence Gauci applika sabiex jiġi rikonoxxut bħala l-bidwi u t-titolari bi qbiela tal-għelieqi in kwistjoni. L-applikazzjoni tiegħu li saret fit-23 ta' Frar 2001, iġġib referenza numru 4871. L-atturi jilmentaw illi d-Dipartiment tal-Proprjeta tal-Gvern ma laqax l-applik-azzjoni tagħhom peress li rriżulta li kien hemm terzi li wkoll tefgħu applikazzjoni tagħhom u li kellhom pretensjoni ta' detenzjoni fuq xi partijiet tal-istess għelieqi. Jikkontendu li d-deċiżjoni tad-dipartiment konvenut li toħroġ sejħa għal offerti hija għal kollox irraġonevoli u inġusta fil-konfront tal-istess atturi u li l-aġir tad-dipartiment konvenut, jekk jipprosegwi, ser joħloq preġudizzju lill-istess atturi, peress li l-uniku entrojtu tar-rikorrenti huwa mir-raba', u jingħad minnhom ukoll li mhumiex f'qagħda finanzjarja li jikkompetu mat-terzi. Għalhekk qegħdin jitolbu li din il-qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi huma l-uniċi bona fide detenturi taż-żewġ għelieqi denominati *Tal-Blat*, Triq il-Wardija, San Pawl il-Baħar, u għandhom ikunu rikonoxxuti mill-intimat bit-titolu ta' qbiela skond l-Iskema għal Art Agrikola hekk kif applikaw għaliha, *ai termini* tal-liġi.«

2. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi l-istanti huma l-uniċi bona fide detenturi taż-żewġ għelieqi denominati *Tal-Blat*, Triq Wardija, San Pawl il-Baħar u konsegwentement għandhom ikunu rikonoxxuti mill-intimat fit-titolu tal-qbiela tagħhom skond l-Iskema għal Art Agrikola (applikazzjoni nru 4871) għal liema huma ressqu l-applikazzjoni tagħhom u dan fit-termini tal-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »… … … bl-ispejjeż … … …«

3. Id-Direttur Ġenerali tal-Artijiet dawn l-eċċezzjonijiet:

»...

»2. … . .fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan *in vista* tas-segwenti konsiderazzjonijiet.

»(i) Il-Gvern ta' Malta sar proprjetarju tal-artijiet in kwistjoni – li parti minnhom hija agrikola u parti hija xagħri – bis-saħħa tal-ftehim li kien sar mas-Santa Sede nhar it-28 ta' Novembru 1993 u l-Att IV tal-1992. Meta l-artijiet in kwistjoni ġew hekk trasferiti, dawn għaddew f'idejn il-Gvern meħlusa minn kull kirja jew piż ieħor;

»(ii) Kull proprjetà tal-Gvern jew proprjetà li tkun amministrata minnu tista' tiġi trasferita biss skont wieħed mill-manjieri li hemm speċifikati fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta;

»(iii) Fis-sena 2001, il-Ministeru tal-Intern (li dak iż-żmien it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern kienet tifforma parti minnu), kien ħareġ skeda sabiex jagħti l-opportunità lil dawk il-persuni li kienu qegħdin jaħdmu art agrikola appartenenti lill-Gvern mingħajr ma kellhom titolu validu rikonoxxut sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni tagħhom, u b'hekk jingħataw titolu validu fuqha.

»(iv) Fil-fatt ir-rikorrent Lawrence Gauci kien wieħed fost ħafna persuni li kienu applikaw sabiex jiġu rikonoxxuti bħala gabillott taħt din l-iskeda.

»(v) Fl-applikazzjoni tiegħu li kienet iġġib in-numru 4871 ir-rikorrenti kien talab li jiġi rikonoxxut bħala gabillott kemm tal-parti tal-art li kienet agrikola (porzjon A), u f'data sussegwenti talab li jiġi rikonoxxut bħala gabillott fuq il-parti tal-art li kienet xagħri (porzjon E). F'dan il-kuntest tajjeb li jiġi spjegat li l-art immarkata bħala porzjon E qatt ma kienet meqjusa bħala art agrikola għaliex meta din ġiet f'idejn il-Gvern mingħand il-Kurja din kienet meqjusa bħala raba' xagħri. Però kif jinżel mill-ittra ffirmata mill-Perit Ludovico Micallef għan-nom tar-rikorrenti, ġie magħruf li l-istess rikorrenti kien ikkapparra din il-porzjon art xagħri u tefa' fuqha ħamrija biex jikkonvertiha f'art agrikola. Għall-esponenti din l-imġieba abbużiva da parti tar-rikorrenti ma kellhiex issarraf f'kambjament tal-kategorija tal-art minn waħda xagħri għal waħda agrikola. Kwindi la din il-porzjoni hekk imsejħa porzjon E baqgħet xorta waħda kkunsidrata bħala art xagħri, allura din ma kinitx tirrijentra fl-iskema ta' art agrikola fuq imsemmija u *ergo* ma setgħetx tingħata lir-rikorrenti;

»(vi) Kien proprju għalhekk li t-Taqsima Proprjetà tal-Gvern kienet ħadet id-deċiżjoni aħħarija li fir-rigward ta' din l-art immarkata bħala porzjon E tat-tip xagħri kellha tinħareġ sejħa pubblika għall-offerti skont kif hemm speċifikat fl-artikolu 3(1)(*a*) tal-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta bil-għan li jkun hemm distribuzzjoni ġusta ta' din il-medda ta' art.

»(vii) Min-naħa l-oħra dwar il-porzjon art immarkat bl-ittra A ossija dik agrikola, waqt li kienet qed tiġi pproċessata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, instab li din kienet qed tirkeb fuq l-applikazzjoni bin-numru 7413 li kienet iddaħħlet minn ċertu Joseph Galea. Minn verifiki ulterjuri li kienu saru ħareġ li huma t-tnejn applikaw għal titolu fuqha, però rriżulta li Joseph Galea kien ilu fil-pussess tar-raba' minn qabel ir-rikorrent u għalhekk ġie deċiż li għandhom

jibdew il-proċeduri formali neċessarji kollha sabiex dik il-porzjoni tal-art agrikola li kienet okkupata minn Joseph Galea tiġi mqabbla lilu.

»(viii) Wara dan kollu l-esponenti kien bagħat għar-rikorrent sabiex dan jersaq għall-kuntratt tal-qbiela fuq il-porzjon art li kien baqa' u *cioè* wara li jiġu esklużi dik il-biċċa li kienet xagħri u kif ukoll dik il-parti tal-art li kienet ġiet stabbilita li kellha tgħaddi għand Joseph Galea, iżda r-rikorrent m'aċċettax;

»(ix) Għaldaqstant minn dan kollu jinżel ċar li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti in kwantu diretti lejn il-biċċa art xagħri u l-art okkupata minn Joseph Galea m'humiex ġustifikati u għandhom jiġu riġettati.

»… … …

»Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti … … …«

4. Wara li ssejjaħ fil-kawża d-Direttur tal-Uffiċju Konġunt għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Artijiet

5. Wara li ssejjaħ fil-kawża Joseph Galea wieġeb illi l-Gvern għandu dritt jagħraf lil min irid hu bħala titolari tal-kirja.

6. L-ewwel qorti, wara li ċaħdet eċċezzjonijiet preliminari li ma humiex relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, u laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-meritu, ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom. Safejn relevanti għall-appell, ir-raġunijiet illi wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk:

»Mill-provi jirriżulta paċifiku bejn il-partijiet li l-attur huwa bidwi li jaħdem numru ta' għelieqi (madwar sittin tomna) fosthom dawk imsejħa *tal-Blat,* limiti ta' San Pawl il-Baħar. Ma jirriżulta ebda kontestazzjoni rigward l-għalqa ż-żgħira indikata fuq il-pjanta *a fol*. 5 tal-proċess, li fuqha jirriżulta li l-attur Lawrence Gauci għamel applikazzjoni separata li ġġib in-numru 4870. Din l-għalqa hija tal-kejl ta' 3,150 metru kwadru, li 450 metru kwadru minnhom kienu raba' xagħri.

»Il-punt ta' kontestazzjoni huwa l-estent tal-għalqa kbira detenuta mill-atturi. L-atturi jikkontendu li ilhom jaħdmu dawn l-għelieqi sa mill-aħħar tas-snin tmenin. Huma jressqu numru ta' xhieda permezz t'*affidavit* bħal Victor Gauci u Adam Mark Deguara li jixhdu li ilhom jafu lill-attur għal madwar tletin sena u li dejjem jafuh jaħdem ir-raba' msejħa *Tal-Blat*. Jiġi rilevat li dawn ix-xhieda għalkemm it-tnejn jixhdu li kienu ilhom snin twal jafu lill-attur jaħdem ir-raba' f'*Tal-Blat*, meta kienu

jitilgħu għall-insib jew kaċċa, iżda qatt ma ġiet identifikata minnhom l-għalqa eżatta fejn kienu jaraw lill-attur jaħdem (anke l-għalqa ż-żgħira fost għelieqi oħra tissejjaħ *Tal-Blat*). Xehdu wkoll Dolores u Maria aħwa Micallef li jispjegaw li huma kienu jaħdmu żewġ għelieqi ġewwa l-Wardija msejħa *tal-Blat*, kif ukoll għalqa oħra viċin tagħhom, li kienu jinħadmu minnhom sa minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija, li fihom kienu jikkoltivaw prodotti tal-bhejjem, izda wara ċertu żmien kien għall-ewwel beda jgħinhom l-attur fix-xogħol f'dawn l-għelieqi u, meta dawn għejjew, ħallew kollox f'idejh.

»Ġew imsejha bħala xhieda wkoll kemm rappreżentant tal-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar li esebixxa l-permess datat 16 ta' April 2005, li kellu l-attur sabiex jitfa' l-ħamrija fuq il-ħamrija (u mhux fuq ix-xagħri) u dan wara li l-attur applika għalih fl-10 ta' Marzu 2004, kif ukoll rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Agrikoltura li jixhdu li l-attur kellu l-permess maħruġ fid-19 ta' April 2001 sabiex tiġi trasportata l-ħamrija mis-Salina u li tiġi depożitata l-Wardija … … …Tajjeb li jiġi puntwalizzat li dawn iż-żewġ permessi ma kenux jeżentaw lill-attur milli jġib kull permess ieħor li seta' kien meħtieġ skond il-liġi jew minn dipartimenti oħra tal-Gvern, jew aġenziji skont il-każ, fosthom id-dipartiment konvenut. Ix-xhud Fiona Grech, bħala uffiċjal tal-agrikoltura, tispjega li r-rappreżentanti tad-dipartiment imorru fuq is-sit u jinnutaw fejn għandu jsir id-depożitu tal-ħamrija. Daħlilhom rapport anonimu li kienet qegħda tintefa' l-ħamrija fuq ix-xagħri, iżda ma rriżultalhomx li kien hemm problemi f'dak li għamel l-attur u, fejn kien hemm bżonn, irrimedja. L-istess xhud tispjega li bħala dipartiment ma jiddeterminawx min effettivament kellu pussess tal-art għall-fini tal-ħruġ tal-permess tagħhom, kif ukoll li dak iż-żmien ma kienx meħtieġ li jkun sid jew li jkun qiegħed jaħdimha hu l-art in kwistjoni, tant li kien il-kuntrattur li applika f'isem l-attur, iżda tisħaq li fix-xagħri ma kienx permess li tintefa' l-ħamrija. Il-konvenuti ressqu bħala xhud ewlieni tagħhom lil Martin Bajada li spjega l-iskema sabiex tingħata qbiela fuq art agrikola tal-Gvern: kienet inħarġet mill-Gvern sabiex in-nies setgħu japplikaw fuq proprjetà tal-Gvern, kemm dawk li kellhom kirja regolari, kif ukoll dawk li ma kellhomx kirja. Huwa jispjega li l-art in kwistjoni tifforma parti mill-art mgħoddija lill-Gvern mis-Santa Sede, bil-ftehim tas-sena 1991, u għalhekk kienet amministrata mill-Uffiċċju Konġunt, iżda fl-aħħar isir il-ftehim tal-qbiela mal-Kummissarju tal-Art, liema entitajiet kienu jaqgħu taħt id-dipartiment konvenut. L-iskema kienet inħarġet u kellha bħala data ta' għeluq il-31 ta' Jannar 2001, li permezz tagħha nġabru applikazzjonijiet minn dawk li jaħsbu li kellhom dritt ta' qbiela fuq l-art, liema skema ġiet estiża u ngħalqet fit-28 ta' Frar 2001. Seta' japplika għaliha kulħadd u dan sabiex jiġu regolarizzati wkoll dawk il-każijiet li seta' kien hemm ta' okkupazzjoni mingħajr titolu validu. Dan jinsab konfermat ukoll fl-affidavit tal-avukat tad-dipartiment, Dr Josianne Azzopardi. Hija tispjega li l-iskema kienet inħarġet limitatament għal art agrikola a bażi tal-artikolu 6(*d*) tal-*Policy* dwar it-Trasferiment ta' Art tal-Gvern (ara l-Iskeda li tifforma parti mill-istess Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta). L-istess skema ma kenitx tinkludi art xagħri anke peress li l-istess *policy* ma tipprovdix għal art xagħri. Dan ifisser li art xagħri tista' tiġi trasferita biss mill-Kummissarju tal-Artijiet hekk kif jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri jew permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti, b'irkant jew b'riżoluzzjoni parlamentari.

»Laurence Gauci daħħal l-applikazzjoni tiegħu fit-23 ta' Frar 2001, li magħha kien hemm pjanta annessa. Huwa meqjus rilevanti li din l-ewwel pjanta tindika fiha l-kejl tal-art li fuqha saret l-applikazzjoni li ġġib referenza numru 4871, li fiha l-kejl ta' 5,760 metru kwadru, li 900 metru kwadru minnhom kienu deskritti bħala xagħri. Mal-istess applikazzjoni l-atturi għamlu dikjarazzjoni (datata 22 ta' Jannar 2001) li huma bdew jaħdmu l-art tal-kejl ta' 5,760 metru kwadru wara li l-aħwa Micallef ma xtaqux jaħdmuha aktar u għalhekk bil-kunsens tagħhom naddaf u ħarat l-għalqa u beda jkabbar il-ħaxix fiha. Ġiet annessa wkoll dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Nicolette Vella fejn jingħad li l-attur Lawrence Gauci kien ilu aktar minn sentejn jgħin fix-xogħol tar-raba' tal-aħwa Micallef u dan kif kienet titlob id-dikjarazzjoni inkorporata fl-istess applikazzjoni. In ottempranza mas-sejħa kien hemm ukoll anness ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

»Fuq din l-applikazzjoni tal-attur, daħlu żewġ oġġezzjonijiet, dik tal-avukat Patrick Spiteri, kif ukoll dik tal-kjamat in kawża Joseph Galea, li ddikjara li l-art li applikaw għaliha l-atturi tirkeb fuq l-art li kien applika għaliha hu wkoll. *Inoltre* f'korrispondenza li kien bagħat l-avukat John Attard Montalto għan-nom tal-istess Joseph Galea, jirriżulta li fil-21 ta' Frar 2001 informa lid-dipartiment li xi ħadd kien ħarat l-għalqa in kwistjoni, filwaqt li f'dik tal-20 ta' Frar 2002 jidentifika din il-persuna bħala Lawrence Gauci, li kien qiegħed ukoll jiddeposita materjal fl-għalqa. Din il-korrispondenza hija meqjusa rilevanti ferm għall-fini ta' determinazzjoni tas-sekwenza tal-fatti li effettivament seħħew.

»Jirriżulta wkoll mix-xiehda tal-uffiċjal tad-dipartiment konvenut li l-perit tal-atturi madwar sitt snin wara l-applikazzjoni oriġinali, bagħat ittra (datata 10 ta' Ottubru 2007) lid-dipartiment sabiex jinfurmahom li bi żvista kien ħalla xi art barra minn dik li tinħadem mis-sur Gauci. Dan jinsab konfermat ukoll mix-xiehda tal-istess perit tal-attur, il-perit Ludovico Micallef li jgħid ukoll li bagħat ittra oħra lid-dipartiment fit-8 ta' Frar 2010, fejn l-estent t'art maħduma mill-attur kienet ta' 13,470 metru kwadru, kif indikata fuq is-*siteplan* hemm annessa. Iżda l-perit isostni li l-ittra tas-sena 2007 saret minnu wara li d-dipartiment ġibed l-attenzjoni li l-perit kien ħalla xi art barra mill-applikazzjoni! Dan ma jinsabx korroborat mix-xiehda tar-rappreżentant tad-dipartiment. Anzi Martin Bajada jispjega li għalkemm id-dipartiment ma setax jilqa' talbiet addizzjonali wara t-28 ta' Frar 2001, (data tal-gheluq tal-iskema), però l-istess ittra ddaħlet fil-*file* relattiv, iżda ma ngħatatx konsiderazzjoni tagħha mid-dipartiment. Id-differenza rigward l-estent tal-art milquta b'din id-dikjarazzjoni tas-sena 2007 hija delinjata bl-isfar fuq il-pjanta ortofoto Dok. JA1 u immarkata bl-ittra "E", liema art tirriżulta li hija xagħri u għalhekk fi kwalunkwe każ ma kenitx eliġibbli għall-qbiela taħt l-iskema maħruġa mill-Gvern u għalhekk isegwi li din l-aħħar talba tal-atturi ma setgħet qatt tintlaqa' *ai termini* tas-sejħa magħmula permezz l-imsemmija skema.

»Ir-rappreżentant tal-dipartiment konvenut ikompli jispjega illi l-istess dokumenti meħtieġa kienu sottomessi minn Joseph Galea mal-applikazzjoni tiegħu (li ġġib referenza numru 7413), bid-differenza illi f'dan l-aħħar każ kellhom korrispondenza li kienet tmur lura għal Diċembru tas-sena 1996, meta l-istess Galea kien kiteb lill-Kurja sabiex jgħidilhom li huwa interessat f'din l-art. Il-Kurja infurmatu li l-art kienet saret tal-Gvern u kien hawn li Joseph Galea beda jikkomunika mad-dipartiment. *Inoltre* fid-deċiżjoni meħuda mid-dipartiment kienet

meqjusa rilevanti li fl-istess applikazzjoni ta' Joseph Galea ġie ddikjarat fl-*affidavit* li huwa kien ilu jaħdem l-għalqa għal sitt snin. L-applikazzjoni ta' Joseph Galea kienet għall-art tal-kejl ta' 2,290 metru kwadru, li kienet tinkludi 357 metru kwadru xagħri. Din l-art hija ekwivalenti għall-porzjon art immarkata bl-ittra "B" fuq il-pjanta ortofoto.

»Ix-xhud Martin Bajada spjega li huwa pprepara l-pjanta tal-art kollha in kwistjoni u fuqha indika l-interessi tad-diversi partijiet fuq l-istess pjanta ortofoto, waqt li ġie esebit ukoll ir-rapport tekniku tiegħu datat 5 ta' Mejju 2009. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha wasslu lid-direttur ġenerali tad-dipartiment sabiex jieħu d-deċiżjoni tiegħu hekk kif komunikata lill-partijiet fit-3 ta' Ġunju 2009, fejn kien propost li l-arja indikata bl-ittra "A" tigi allokata lil Laurence Gauci; l-arja indikata bħala porzjon "B" tingħata lil Joseph Galea; filwaqt li fir-rigward tal-porzjonijiet "D" u "E", id-dipartiment ippropona li jiġi applikat l-artikolu 3(1)(*a*) tal-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta u li ssir sejħa għall-offerti imxandra fil-Gazzetta. L-atturi oġġezzjonaw għal din l-ittra u sus-segwentement id-dipartiment permezz ta' ittra datata 18 ta' Mejju 2010 infurmahom li wara l-ittra tat-3 ta' Ġunju 2009, filwaqt li ġie kkonfermat il-kontenut tagħha, id-dipartiment kien ser joħroġ sejħa għall-offerti skond l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta) għal dik l-art okkupata minnhom minghajr titolu, li wasslet għall-proċeduri odjerni.

»Id-dipartiment esebixxa wkoll il-kuntratt ta' kera li sar mid-dipartiment ma' Joseph Galea fit-18 ta' Ġunju 2010, filwaqt li min-naħa tiegħu l-kjamat in kawża Joseph Galea jessebixxi l-irċevuti tal-ħlas tal-qbiela, li jkopru l-perjodu 16/8/2000 sa 15/6/2010. Mix-xiehda ta' Joseph Galea jirriżulta li huwa fl-inħawi għandu kamra li kera mingħand il-Gvern fil-bidu tas-snin disgħin, wara li rebaħ *tender*, għandu wkoll żewġ tomniet art magħha li huwa akkwista minghand il-privat u kien hawn li rreġistra bħala *part-time farmer*. Huwa jgħid li għamel sentejn joqgħod f'din il-kamra fil-Wardija bejn is-sena 1998 u s-sena 2000, f'liema żmien qatt ma ra l-attur hemm jaħdem din ir-raba'. Faċċata kien hemm biċċa art mitluqa u, wara li kellem lix-xebbiet aħwa Micallef li fiż-żmien kienu jaħdmuha, beda jipprova jistħarreġ min kien is-sid, peress li spiss kien inaddaf fiha u jirranġa wara li kienu jmorru n-nies fiha u jħallu ħerba warajhom u xtaq idawwarha b'ħitan, jieħu ħsiebha u jaħdimha. Galea jgħid li meta kellem lill-aħwa Micallef qatt ma semmewlu li l-attur kellu xi interess fl-istess art. Huwa jisħaq li dak iż-żmien l-attur kien jarah għaddej peress li kellu xi raba' fil-viċin, iżda żgur ma kienx jidħol jaħdem din l-għalqa ta' madwar żewġ tomniet u li kien biss wara li daħħal l-applikazzjoni għall-iskema tal-Gvern fl-2001 li Lawrence Gauci daħal għal din l-art "b'ruħu u ġismu". Galea jgħid ukoll li, wara li saru l-applikazzjonijiet, Martin Bajada min-naħa tad-dipartiment sejjħil-hom għal laqgħa ta' rikonċiljazzjoni, iżda l-attur baqa' jinsisti li kellu jingħata l-għelieqi kollha li applika għalihom. Jgħid ukoll li llum il-ġurnata l-għalqa in kwistjoni, frott il-pika, tinsab fil-parti l-kbira mitluqa.

»L-attur reġa' xehed fis-seduta tas-7 ta' April 2014, fejn esebixxa numru ta' dokumenti fosthom applikazzjoni sabiex huwa jirċievi sussiddju fuq il-prodotti tar-raba', li tindika n-numru li bihom jiġu identifikati l-għelieqi, kif ukoll listi ta' siġar li għandu fl-għelieqi tiegħu, fosthom dawk f'San Pawl il-Baħar, li ġew reġistrati kif titlob il-liġi. Huwa jistqarr ukoll li għal dak li għandu x'jaqsam ma' dik il-parti tal-art

indikata bl-aħmar fuq id-dokument esebit minnu *a fol*. 490 tal-proċess, li din l-art ġiet mqabbla lilu mill-Gvern madwar sentejn qabel. Meta l-qorti kkumparat dak indikat mill-attur imqabbel lilu mill-Gvern f'din ix-xiehda mal-pjanta ortofoto *a fol*. 84 tal-proċess, jirriżulta car li l-art li l-attur jindika bħala art imqabbla lilu hija dik delinjata bil-blu indikata bħala porzjon bl-ittra "A" fuq dik il-pjanta ortofoto. L-attur jesebixxi numru ta' dokumenti li bihom irid isostni li l-prodotti mibjugħa minnu lill-ko-operativi, għandhom l-oriġini tagħhom f'dawn l-għelieqi fil-Wardija. Jesebixxi wkoll numru ta' ritratti ta' siġar taż-żebbuġ li huwa kellu miżrugħa u li xi vandali qaċċtulu jew qalgħuhomlu. Jiġi nnutat mill-qorti li l-istess ċertifikati maħruġa mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura fuq l-art in kwistjoni jindikaw b'mod ċar li dawk id-dokumenti huma bbażati fuq dikjarazzjoni u ma jagħtu ebda dritt legali fuq il-proprjetà.

»Mill-kontro-eżami ta' Dolores Micallef irriżulta li l-aħwa Micallef kellhom l-għelieqi mogħtija lilhom bi qbiela mingħand Salvinu Ellul Bonici u dan kienu hekk mqabbla lil ommhom. L-għelieqi kienu jinħadmu l-ewwel mill-omm u wara mix-xebbiet, iżda wara r-raba' spiċċa mitluq, peress li huma ma baqgħux jaħdmu l-art u lanqas ma krewha lil ħadd. Meta talabhom l-attur huma qalulu li għalihom seta' jaħdimha. Irriżulta wkoll li ċ-ċens fuq ir-razzett fejn jgħixu u l-qbiela tal-għalqa viċin ir-razzett kienu pagabbli għall-ewwel lill-istess Ellul Bonici, wara lill-Knisja u sussegwentement lill-Uffiċċju Konġunt. L-irċevuti relativi huma kollha relatati mar-razzett u madwar tomna raba' li tifforma parti mir-razzett, kif jirriżulta mill-istess irċevuti, li żammew għalihom l-aħwa Micallef u sussegwentement xtraw iċ-ċens mingħand l-Uffiċċju Konġunt. Fuq l-għelieqi f'*Tal-Blat* l-aħwa Micallef ma kenux iħallsu qbiela iżda kienu jagħtu nofs il-prodott li kien ikollhom lil Ellul Bonici. Kif tixhed l-istess xhud, ir-razzett u l-għalqa tal-madwar ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-għelieqi *f'Tal-Blat* li beda jaħdem Lawrence Gauci u għaldaqstant l-irċevuti esebiti fl-atti mhumiex meqjusa rilevanti għall-każ in eżami.

»Interessanti wkoll hija x-xiehda in kontro-eżami tal-perit Ludovico Micallef li fiha jerġa' jtenni li huwa pprepara l-pjanta fl-2001 għal arja ta' 5,760 metru kwadru u, meta bagħtu għalihom id-dipartiment u qalulhom li tħalliet biċċa barra, ħareġ l-ittra tas-sena 2007, bil-pjanta annessa li tindika arja ta' 13,470 metru kwadru. Mistoqsi min fid-dipartiment ġibidlu l-attenzjoni, igħid li irċieva xi ittra, iżda wara jgħid li probabilment kien id-Dipartiment tal-Agrikoltura li ġibidlu l-attenzjoni. Fl-ewwel pjanta rriżultalu żball fl-iskali, li jwassal li b'hekk il-kejl kellu jirdoppja, li jfisser li anke l-art xagħri preċedentement indikata fil-kejl ta' 900 metru kwadru kellha tirdoppja għal madwar 1m800 metru kwadru, iżda jispjega wkoll li kellhom jiżdiedu madwar 2,000 metru kwadru li kienu tħallew barra! Huwa jisħaq li ma kienx il-perit tal-attur għall-fini tal-permess għad-depożitu tal-ħamrija fl-għelieqi u li ma kienx jista' jgħid fejn intefgħet il-ħamrija. Jingħad mill-perit li l-eżerċizzju tiegħu kien li jipprepara l-pjanti tal-għelieqi indikati lilu mill-attur, jindika l-art fejn tkun xagħri u siġar li kien hemm. Għalkemm ir-raba' kienet tidher maħduma, huwa ma setax jgħid min effettivament kien jaħdem l-art. Hekk ukoll, għalkemm kien mar fuq is-sit fis-snin disgħin, ma setax jikkonferma jekk l-art in kontestazzjoni kenitx tinħadem mill-attur jew minn ħaddieħor.

»Minn eżami tal-pjanti jirriżulta li filwaqt li fil-pjanta oriġinali annessa mal-applikazzjoni tal-attur tal-2001 tindika l-qies ta' 5,760 metru kwadru, u turi delinjament tal-arja tal-għelieqi ekwivalenti għal dawk immarkati bħala "A" u "B" fuq il-pjanta ortofoto, il-pjanta li daħlet mal-ittra tal-2007 tindika qies ta' 13,470 metru kwadru u turi delinjament tal-arja tal-għelieqi ekwivalenti għal dawk immarkati bhala "A", "B", "D" u "E" fuq il-pjanta ortofoto. Meta tqis ix-xiehda kollha, il-qorti ma tħossx li x-xiehda mogħtija mill-perit bħala waħda affidabbli, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-2,000 metru kwadru li allegatament tħallew barra bi żball mill-applikazzjoni oriġinali tal-attur, meta *ex admissis* il-perit jgħid li kien il-klijent tiegħu, l-istess Lawrence Gauci, li kien indikalu l-estent tal-art li allegatament kienet maħduma jew miżmuma minnu.

»… … …

»Mhux kontestat li għalkemm l-azzjoni attriċi oriġinarjament kienet titratta żewġ porzjonijiet ta' art, waħda akbar mill-oħra … l-għalqa ż-żgħira kienet tifforma parti mill-applikazzjoni separata tal-atturi lid-dipartiment konvenut taħt l-iskema sabiex tingħata art agrikola bi qbiela, li dwarha ma rrriżultawx problemi u għalhekk il-qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għall-għalqa kbira … Kif rilevat qabel, l-istess attur jikkonċedi li l-porzjon "A" ġiet konċessa lilu b'titolu ta' qbiela u għalhekk lanqas din il-porzjon m'għadha tifforma parti mill-kontensjoni bejn il-partijiet. B'hekk jirriżulta li l-pretensjonijiet pendenti tar-rikorrenti huma dawk relativi għall-porzjonijiet indikati bħala "B", "D" u "E" fuq l-istess pjanta ortofoto.

»Jiġi rilevat li t-trasferiment ta' proprjeta tal-Gvern hija soġġetta għal dak li jipprovdi l-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri li tali art ma tistax tiġi trasferita jekk mhux permezz ta' ħruġ ta' sejħa għall-offerti, permezz ta' risoluzzjoni tal-Parlament, jew skond kif espliċitament permess mil-liġi. F'dan il-każ kien hemm skema li ħarġet appożitament bl-iskop li tingħata art agrikola bi qbiela lil dawk in-nies li għalkemm seta' ma kellhomx titolu validu fuq l-art kienu, fost kondizzjonijiet oħra, ilhom jaħdmu l-art okkupata minnhom għal mill-inqas perjodu ta' sentejn. B'hekk il-mera okkupazzjoni mill-atturi fuq art li mhix tagħhom, fil-mument tal-applikazzjoni, ma twassalx għad-dritt ta' rikonoxximent u konsegwentement it-trasferiment a bazi tat-titolu ta' qbiela, kif qegħdin jippretendu l-atturi. *Inoltre* irriżulta li din l-iskema ma kenitx tgħodd għax-xagħri sakemm dan ix-xagħri ma kienx jikkonsisti f'biċċiet xagħri mdawwra bl-għelieqi u sakemm ix-xagħri ma kienx jaqbeż 30% tal-art kollha.

»Għandu jingħad li ġew osservati numru ta' diskrepanzi fil-verżjonijiet mogħtija da parti tal-attur rigward l-art li jippretendi li jiddetjeni *in buona fede*: fl-*affidavit* mogħti quddiem in-Nutar Nicolette Vella fit-22 ta' Frar 2001, jingħad minnu li r-raba' kien jinħadem mill-aħwa Micallef u huwa kien ħarat u naddaf l-art peress li dawn ma kenux għadhom jaħdmuha u "kien intiż illi, bil-kunsens tagħhom, inkabbar ħaxix fiha", filwaqt li f'dikjarazzjoni oħra quddiem l-istess nutar, annessa mal-istess applikazzjoni tiegħu, jingħad li ilu aktar minn sentejn jgħin fix-xogħol tar-raba' lill-aħwa Micallef. Interessanti li mistoqsija magħmula lilu fuq l-applikazzjoni enumerata 3.6 "Kemm-il sena ilek taħdem dan ir-raba'?", huwa wieġeb xahar! Sussegwentement fid-dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Nicolette Vella datata 15 ta' Ġunju 2001m kif ukoll fl-*affidavit* tal-istess attur, jingħad li l-art f'*Tal-Blat* kienet tinħadem mill-

aħwa Micallef li kienu ilhom jaħdmuha għal madwar sittin sena u li għall-aħħar ħmistax-il sena l-attur kien jgħinhom fix-xogħol fir-raba' in kwistjoni. Dan jinsab kontradett minn Dolores Micallef, li in kontro-eżami xehdet li l-egħlieqi f'*Tal-Blat* kienu ilhom mitluqa minnhom għal żmien twil u m'oġġezzjonawx għat-talba tal-attur li jaħdem l-istess raba' (mhux li kienu jaħdmuha flimkien). Konfrontat b'din id-dis-krepanza fix-xiehda, l-attur ma setax jispegaha ħlief li qal li ma kienx ser jaqbad u jidħol fl-għalqa mingħajr il-permess tal-aħwa Micallef u li l-għalqa ma kenitx kollha sdingata u talli kien jgħinhom l-aħwa Micallef offrewhielu! Dan jikkuntrasta max-xiehda ta' Micallef fejn jingħad li l-attur kien jistaqsihom kif l-art tħalliet mitluqa, u li kien jgħinhom fl-għalqa ta' madwar ir-razzett mentri fir-rigward tal-għelieqi f'Tal-Blat jingħad minnha: "Konna tlaqnieha, mbagħad fejn sejrin ngħinuh b'kelma għinnieh". Fil-fehma tal-qorti din il-frażi titfa' ħafna dawl fuq l-avvenimenti li seħħew fuq l-art in kwistjoni.

»… … …

»… … … kunsidrat il-versjonijiet konfliġġenti mogħtija mill-attur u mill-aħwa Micallef, kif ukoll il-fatt illi huwa kellu għelieqi oħra fl-inħawi ma ssib xejn determinanti fix-xiehda mogħtija minn Victor Gauci u Adam Mark Deguara li jixhdu li ilhom jafu lill-attur jaħdem ir-raba' msejħa *tal-Blat*, filwaqt li rriżulta ċar li l-aħwa Micallef xtaqu jgħinu lill-attur aktar milli affarijiet oħra. Kunsidrat ukoll kif, wara l-applikazzjoni oriġinali tal-attur li saret fl-2001, żdied il-kejl tal-art maħdum mill-attur b'mod sinifikattiv tant li ġie rivedut minn 5,760 metru kwadru għal 13,470 metru kwadru, li ġew spjegati bħala żball li ttieħed mill-perit a bażi tal-iskala tal-pjanta kif ukoll madwar 2,000 metru kwadru li l-perit tiegħu fl-ittra tal-2007 jingħad li tħallew barra bi żball, din il-qorti ssibha diffiċli li taċċetta li l-attur seta' ħa dan it-tip ta' żball jew li l-attur kien qiegħed jaħdem l-art *in buona fede*.

»Dan meta wieħed iqis ukoll li l-attur akkwista l-permess mid-Dipartiment tal-Agrikoltura f'April 2001, (madwar xahrejn wara li applika mad-dipartiment konvenut sabiex jingħata titolu ta' qbiela) u l-permess mill-*MEPA* f'April 2005, sabiex isir id-depożitu tal-ħamrija fuq il-ħamrija li kien hemm fuq il-porzjonijiet "A", "B" u "D", skond il-pjanta annessa mal-permess. Il-qorti tieħu l-impressjoni li l-attur, bil-ħsieb li joħloq jedd li deherlu li jingħata lil min ikollu l-art f'idejh, għall-ħabta tas-sena 2001, qabad u daħal fl-art indikata bħala porzjon "B" u "D" u, sitt snin wara l-applikazzjoni oriġinali tiegħu, ipprova jakkwista wkoll dik il-porzjon indikata bħala "E" minkejja li din kienet tikkonsisti pura-ment f'xagħri li ma setgħet qatt taqa' fl-iskema maħruġa mill-Gvern.

»Madankollu l-jedd fuq l-art ma jinħoloqx minn tali għemil u l-qorti, a bażi tal-provi mressqa quddiemha mill-istess atturi, ma tinsabx konvinta li huma kienu qegħdin jiddetjenu dawn il-porzjonijiet "B", "D" u "E" *in buona fede* jew li l-aġir tagħhom għandu jwassal li jagħtihom xi dritt awtomatiku li jkunu rikonoxxuti mid-dipartimenti konvenuti fit-titolu tal-qbiela tagħhom skond l-Iskema għal Art Agrikola (applikazzjoni nru 4871) għal liema huma ressqu l-applikazzjoni tagħhom. Dana dejjem mingħajr preġudizzju għad-dritt tad-dipartiment li jiddisponi mill-imsemmija art kif jipprovdi l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta).«

7. L-atturi appellaw b'rikors tat-22 ta' Diċembru 2016 li għalih wieġbu l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Uffiċju Konġunt flimkien fit-13 ta' Jannar 2017, u l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Galea fil-21 ta' Frar 2022.

8. L-appell tal-atturi appellanti jolqot l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti, u ġie mfisser hekk:

> »L-aggravju jikkonsisti prinċipalment fil-fatt illi l-ewwel qorti … ma afferrax kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni, fattwali u legali, għal kollox errata tagħhom u wkoll wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll malament interpretat ċertu aspetti ġuridiċi tal-vertenza.
>
> »Minn qari tas-sentenza appellata, għandu jirriżulta li l-ewwel qorti issorvolat numru ta' aspetti fattwali u riżultanzi ta' fatt u għażlet li sserraħ il-ġudizzju tagħha fuq aspetti speċifiċi tal-provi in atti mentri skartat aspetti fattwali (u provi) oħra.
>
> »*Inoltre*, minn qari tas-sentenza appellata, wieħed mill-ewwel jieħu l-impressjoni li l-istess hija komposta minn, u konsegwentement imsejsa fuq, numru ta' ċitazzjonijiet ġuridiċi mid-duttrina legali mingħajr ebda rabta oġġettiva, organika u sobrija mal-fatti tal-każ u mal-provi mressqa f'din il-viċenda proċesswali.
>
> »Għandhom ikunu il-provi kollha li jfasslu d-deċiżjoni ta' kawża. Huma l-istess provi, fl-integrità tagħhom, li jwasslu għas-suċċess ta' min iressaq istanza quddiem il-qrati jew ta' min jiddefendi ruħu għaliha. Huma l-istess provi l-qalb ta' kull kontradittorju u huma dawk l-istess provi li jagħtu direzzjoni partikolari lill-eżitu jew l-iżvolta tal-proċediment ġudizzjarju ... ... ...
>
> »Sentenza m'għandha qatt tkun frott ta' fonti waħda, iżda għandha tkun riżultat tal-assjem kollu ta' dak miġbur fl-inkartament proċesswali, b'applikazzjoni tan-normi ġuridiċi u / jew legali pertinenti għall-każ. Hi l-kontenzjoni tal-appellanti – ukoll fid-dawl ukoll ta' dak li ser jiġi diskuss aktar 'l isfel – illi l-qorti tal-ewwel grad trattat il-kontiża b'mod alkwantu leġġer u superfiċjali u ddeċidiet il-kawża fuq il-bażi ta' ċertu depos-izzjonijiet in lontananza mill-provi l-oħra miġbura.
>
> »… … …
>
> »Qabel kull approfondiment ulterjuri, l-appellanti jħossu ġust li jirrimarkaw illi l-preżenti appell jikkonċerna solament l-ilmenti u aggravji li sejrin jiġu diskussi fil-paragrafi *infra*, peress li huma jaqblu mal-kunsiderazzjonijiet u deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel grad għal dak li jikkonċerna r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut appellat Direttur Ġenerali tal-Artijiet u tal-kjamat in kawża Joseph Galea, liema eċċezzjonijiet jitrattaw it-tematika tal-kontradittur leġittimu u tal-karenza ta' interess ġuridiku b'mod rispettiv.
>
> »*Inoltre*, għall-evitar ta' ekwivoċi, ai finijiet tal-art. 144(1) tal-Kod. Proċ. Ċiv. – li jippreskrivi inter alia illi "Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu

jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir" – il-preżenti appell qed isir kontra l-konvenuti appellati kollha.

»Jiġi preċiżat fil-bidu nett li l-għelieqi mertu tal-preżenti proċeduri huma dawk immarkati bl-ittri "B", "D" u "E" fuq l-pjanta *a fol.* 84 tal-atti. Il-kontestazzjoni odjerna, għalhekk, tirrigwarda tali indikati porzjonijiet ta' art, mentri l-porzjon art immarkata fuq l-imsemmija pjanta bl-ittra "A" ma tiffigurax fil-litiġju preżenti. Dan ikkonfermatu l-ewwel qorti meta sostniet tgħid illi "… il-qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għall-għalqa kbira hekk kif indikata aħjar fuq il-pjanta ortofoto *a fol*. 84 tal-proċess. Kif rilevat qabel, l-istess attur jikkonċedi li l-porzjon "A" ġiet konċessa lilu b'titolu ta' qbiela u għalhekk lanqas din il-porzjon m'għadha tifforma parti mill-kontenzjoni bejn il-partijiet. B'hekk jirriżulta li l-pretensjonijiet pendent tar-rikorrenti huma dawk relativi għall-porzjonijiet indikati bħala "B", "D" u "E" fuq l-istess pjanta ortofoto".

» … … …

»Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti tidher li hi solament bażata fuq il-fattur li kien hemm kunflitt bejn verżjonijiet li ma jaġġjovawx lill-verżjoni mressqa mill-attriċi. Infatti, wara ċitazzjonijiet minn xi sentenzi dwar kunflitt ta' provi, l-ewwel qorti affermat li "… kunsidrat il-verżjonijiet kunfliġġenti mogħtija mill-attur u mill-aħwa Micallef, kif ukoll il-fatt illi huwa kellu għelieqi oħra fl-inħawi, ma ssib xejn determinanti fix-xiehda mogħtija minn Victor Gauci u Adam Mark Deguara li jixhdu li ilhom jafu lill-attur jaħdem ir-raba' msejħa *tal-Blat*, filwaqt li rriżulta ċar li l-aħwa Micallef xtaqu jgħinu lill-attur aktar milli affarijiet oħra".

»Minn evalwazzjoni tal-provi, għandu jirriżulta ċar illi x-xenarju li joħroġ mix-xiehda u dokumentazzjoni kien alkwantu divers. Ċertament, l-impressjonijiet ta' ċertu xhieda abbinat mal-fatt li xhud juża ċertu vokabolu xott biex jesprimi ruħu (għax mhux kulħadd jesprimi ruħu bi preċiżjoni fuq il-pedana tax-xhieda) ma kellhomx jinduċu lill-ewwel qorti li tiskarta t-teżi attriċi bħala mhux pruvata. Minn qari tal-atti proċesswali jirriżulta illi l-applikazzjoni tal-attur Lawrence Gauci, issa appellant, ġiet trattata leġġerment u d-dikjarazzjonijiet fiha espressi ttieħdu fi sfond kompletament distakkat mir-realtà.

»Infatti, minn qari tad-deposizzjoni ta' Paul Miruzzi tat-13 ta' Novembru 2012 – illi anqas tissemma remotament fil-kunsider-azzjonijiet tad-deċiżjoni appellata – ħareġ illi:

»(i) filwaqt li fir-rapport tat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern datata 3 ta' Ġunju 2009 l-interpretazzjoni tad-direttur ġenerali, Paul Miruzzi, kienet li l-appellant Lawrence Gauci "fuq ammissjoni tal-legali tiegħu permezz ta' ittra datata 15 ta' Frar tas-sena 2002 stqarr li ilu jaħdem din ir-raba' mis-sena 2000", meta l-istess direttur ġenerali ddepona quddiem il-qorti tal-ewwel grad, dan afferma li meta reġa' qara l-ittra datata 15 ta' Frar 2002 *seduta stante*, hu kien qed jinterpretaha li l-istess Gauci kien ilu jaħdem l-għalqa aktar lura mis-sena 2000;

»(ii) sussegwentement, fl-istess deposizzjoni mbagħad l-istess direttur ġenerali Paul Miruzzi jgħid illi, "U bil-ġurament nista' ngħid ukoll illi anke dik l-ittra ta' Dr Ragonesi naħseb li qatt ma rajtha". Fi kliem ieħor, fir-rapport minnu sottofirmat hu jibbaża deċiżjoni fuq ittra (dik ta' Dr V. Ragonesi datata 15 ta' Frar 2002) li żmien wara (waqt id-deposizzjoni tiegħu) jgħid illi fir-realtà hu

qatt ma kien raha qabel għax fil-verità l-imsemmi rapport minnu ffirmat kien kompilat għalih minn terzi u dak li wettaq id-Direttur Ġenerali Miruzzi kien sempliċement riassunt ta' interpret-azzjonijiet oħra tal-membri fid-dipartiment tiegħu.

»(iii) *inoltre*, fl-istess rapport hemm konkluż illi l-appellanti Gauci kien tefa' ħamrija fuq partijiet tal-għalqa fejn mhux suppost. Skond l-imsemmi rapport, "… kif ammess mill-Perit L. Micallef għan-nom tas-Sur Gauci stess u dana permezz ta' ittra datata 10 ta' Ottubru 2007, hu abbużivament qabad u tefa' il-ħamrija fuq art li ma kinetx agrikola …", meta f'tali deposizzjoni d-direttur ġenerali sostna li "Jien din l-ittra llum l-ewwel darba li qed naqraha". Apparti dan, jekk wieħed jara l-ittra tal-AIC Lodovico Micallef wieħed jaqra hekk: "*This land has been worked by Mr Gauci for quite some time and he has in fact also deposited soil and other inert material on part of this land*". Xejn f'tali ittra tal-perit ma juri jew indika, lanqas impliċitament, li Gauci "abbużivament qabad u tefa' il-ħamrija fuq art li ma kinetx agrikola" hekk kif konkluż mid-Direttur Ġenerali Miruzzi.

»Tali senjalazzjonijiet u diskrepanzi fix-xiehda tad-Direttur Ġenerali Miruzzi huma importanti, aktar u aktar meta l-qafas ta' l-azzjoni attriċi, hekk kif manifest mir-rikors promotur, huwa ċentrat fuq l-għemil li wassal għad-deċiżjoni tad-dipartiment governattiv datata 3 ta' Ġunju 2009 u sussegwentement għall-ittra tal-istess dipartiment datata 18 ta' Mejju 2010. Din l-aħħar ittra kienet tgħarraf lill-appellant Lawrence Gauci li "l-art li inti qiegħed tokkupa mingħajr ebda titolu mingħand id-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern se toħroġ għal sejħa għal offerti skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta)".

»L-appellanti ma jistgħux jaraw kif ir-rapport, permezz ta' liema l-applikazzjoni tagħhom ġiet riġettata, ma ġiex evalwat mill-ewwel qorti fl-isfond tad-deposizzjoni tad-Direttur Ġenerali Miruzzi. F'tali xiehda ħareġ ċar illi l-imsemmi direttur issottofirma oġġett li, fl-aħħar tal-ġurnata, ma kien jaf xejn dwaru. Għalhekk, peress li l-imsemmi direttur ma ra l-ebda dokument pertinenti għall-kwistjoni u għax ħalla f'idejn is-subalterni tiegħu, l-istess direttur spiċċa biex iffirma rapport u abraċċja konklużjonijiet li, għalkemm għamilhom tiegħu, ma ħadhomx b'mod infurmat hekk kif kien jixraq. Mix-xiehda tiegħu wieħed jieħu l-impressjoni li xogħol id-diretur kien ta' *rubber stamping*!

»Il-kawża kienet, *inter alia*, bażata fuq l-irraġonevolezza tad-deċiżjoni raġġjunta fl-ittra tat-3 ta' Ġunju 2009. Mela, allura, kif il-fatturi li ħarġu mid-deposizzjoni ta' Paul Miruzzi ma tteħdux in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti? Minn tali xiehda joħroġ xenarju wieħed u *cioè* li persuna ħadet ir-responsabbilità li tagħmel tagħha numru ta' konklużjonijiet (*i.e.* ittra tat-3 ta' Ġunju 2009) u fl-istess waqt esprimiet ruħha u ddeċiediet numru ta' aspetti u qanqlet numru ta' allegazzjonijiet distorti, meta l-istess deċiżjoni tagħha ttieħdet fl-oskur komplet tax-xenarju kollu, injara mill-eżistenza ta' ċertu dokumenti / ittri? B'analoġija, l-appellant jirrikjama l-eżempju tal-ġudikant fi proċeduri ġudizzjarji: kif qatt ġudikant jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu jekk ma jevalwax il-provi li l-partijiet iġibu a konjizzjoni tiegħu? Hu naturali li jista' jkun hemm għajnuna għar-raġġunġiment ta' tali deċiżjoni (hekk kif fis-sistema ġudizzjarja hemm il-periti ġudizzjarji, l-assistenti ġudizzjarji u l-*court attorneys*), iżda fl-aħħar tal-ġurnata d-deċiżjoni hi tal-ġudikant sedenti.

»Fil-każ tagħha, fid-deposizzjoni ta' Paul Miruzzi kien ħareġ evidenti li d-dipartiment konċernat kien wasal għal deċiżjoni distorta u spiċċa biex ippreġudika l-appellant Gauci fl-applikazzjoni tiegħu. L-imsemmija deċiżjoni, għalhekk, intlaħet bla ebda valutazzjoni oġġettiva, sobrija u raġjonevoli. Ċertament dan kellu jkun aspett mill-litiġju li ma seta' qatt jiġi skartat jew sorvolat – kif jidher li effettivament seħħ – mill-qorti tal-ewwel grad.

»Mid-deċiżjoni appellata jidher li għall-ewwel qorti kienu importanti aspetti oħra tal-kwistjoni quddiema, primarjament il-kunflitt bejn il-verżjoni ta' l-aħwa Micalef u dik ta' l-attur Lawrence Gauci u l-iżvista fil-kejl tal-perit Lodovico Micallef. Fil-fehma tal-appellant, l-ewwel qorti ħadet il-kwistjoni fuq dimensjoni alkwantu riġida. L-appellant ser jispjega *infra*.

»Il-fatt li kien hemm żvista fil-kejl da parti tal-perit Ludovico Micallef m'għandux ifisser li l-veradaċità tat-teżi attriċi hija preġudikata. Addizzjonalment, il-fatt li l-aħwa Micallef ma qalux espressament u ma ddeponewx b'dettall mistenni minn persuna ta' ċertu livell edukattiv, m'għandux ifisser li l-fatti narrati mill-atturi kienet lil hinn mir-realtà fattwali. Ma kellux ikun dan il-metru li kellha tutilizza l-qorti, għax inkella l-ebda kawża ma jista' qatt ikollha success quddiem il-qrati tagħna għax l-istess tkun frott deposizzjonijiet ta' persuni li – hekk kif in-natura umana tgħallem – huma persuni b'ċertu idjosinkrasiji tagħhom proprji u mhux makni narrattivi infallibbli.

»Fuq bażi ta' probabilitajiet, l-attur irnexxielu juri li hu kien ilu jaħdem l-artijiet mertu tal-kawża għal ħafna snin, u ċertament minn ħafna qabel l-kjamat in kawża Joseph Galea. Il-provi in sostenn ta' dan huma s-segwenti:

»a. mix-xiehda (*affidavit*) tal-perit Lodovico Micallef ħareġ illi dan ix-xhud kien mar fuq il-porzjonijiet in kwistjoni u li fil-bidu tas-snin disgħin l-istess perit mar mal-attur, issa appellanti, Gauci fuq il-post sabiex jiġu rranġati / restawrati xi ħitan tas-sejjigħ. Tali fatt juri li l-pussess u użu tal-porzjonijiet art mertu tal-preżenti kawża kienu f'idejn l-appellant Lawrence Gauci mill-bidu tas-snin disgħin;

»b. mix-xiehda (*affidavit*) ta' Victor Gauci (nassab li kellu mansab fl-inħawi tal-porzjonijiet art mertu tal-kawża) joħroġ dan: li dan ix-xhud kien jara lill-appellant Lawrence Gauci jgħin lill-aħwa Micallef fl-istess porzjonijiet. L-istess Victor Gauci jiftakar lill-appellant Lawrence Gauci fl-għelieqi in kwistjoni għal għoxrin sena mindu kiteb l-*affidavit* u *cioè* mis-sena 1992. Għal darb'oħra, dan juri li l-pussess u użu tal-porzjonijiet art mertu tal-preżenti kawża kienu f'idejn l-appellant Lawrence Gauci mill-bidu tas-snin disgħin;

»ċ. mix-xiehda (<u>affidavit</u>) ta' Adam Mark Deguara (li kien jitla' fl-akkwata ma' sħabu nassaba) ħareġ li kien ilu minn ċkunitu jmur fuq il-post ma' sħabu ai finijiet ta' kaċċa u nsib u li kien jara lill-appellant Lawrence Gauci fl-għelieqi, jew waħdu jew inkella flimkien max-xebbiet Micallef. L-istess Deguara jgħid li kien ilu jmur fuq il-post u jiftakar lill-appellant Lawrence Gauci hemm-hekk ukoll lejn l-aħħar tas-snin tmenin u bidu tas-snin disgħin. Għal darb'oħra, dan juri li l-pussess u użu tal-porzjonijiet art

> mertu tal-preżenti kawża kienu f'idejn l-appellant Lawrence Gauci mill-bidu tas-snin disgħin u saħansitra qabel.
>
> »Dawn huma tliet xhieda – li interess fl-eżitu tal-kawża m'għandhomx – li lkoll jikkollokaw lill-appellant Lawrence Gauci ġewwa l-porzjonijiet ta' art mertu tal-kawża sa mill-bidu tas-snin disgħin. Għalhekk, wieħed ma jistax jifhem kif il-qorti tal-ewwel grad deherilha li l-provi juru altrimenti. Hekk kif ser jiġi puntwalizzat aktar 'l isfel, jidher li l-ewwel qorti laħqet deċiżjoni taħt impressjoni – iżda l-impressjoni kienet ferm żbaljata.
>
> »… … …
>
> »Dan kollu qed jingħad għax kienet l-ewwel qorti stess illi esprimiet ruħha fis-sens illi "l-qorti tieħu l-impressjoni li l-attur, bil-ħsieb li joħloq jedd li deherlu li jingħata lil min ikollu l-art f'idejh, għall-ħabta tas-sena 2001, qabad u daħal fl-art indikata bħala porzjon "B" u "D" u, sitt snin wara l-applikazzjoni oriġinali tiegħu, pprova jakkwista wkoll dik il-porzjon indikata bħala "E" …". Il-kawżi ma jiġux deċiżi fuq il-bażi tal-impressjonijiet li jistgħu jiġu estratti mill-provi, iżda minn valutazzjoni tal-valur probatorju tal-istess provi. Il-linja ta' demarkazzjoni bejn "impressjoni tal-fatti" u "valutazzjoni tal-provi" hija alkwantu kbira fil-qasam ġuridiku. Filwaqt li tal-aħħar hija r-regola, dik tal-ewwel anqas biss għandha teżisti fil-kors tal-kawża u, aktar u aktar, fl-għoti ta' deċiżjoni!
>
> »Fuq il-bażi ta' dawn il-motivi, il-preżenti appell għandu jintlaqa', s-sentenza appellata mħassra u mwarrba u l-pretiża attriċi għandha tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imħarrkin.«

9. Wara li fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-proċessi, din il-qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni tajba u ġusta fiċ-ċirkostanzi. Ma ntweriet ebda raġuni li tista' twassal lil din il-qorti biex tagħmel apprezzament tal-fatti mod ieħor milli kif b'għaqal għamlet l-ewwel qorti. Dan qiegħed jingħad għal bosta raġunijiet:

10. L-ewwelnett, l-atturi ma ressqu l-ebda prova ċara u univoka dwar kemm-il sena r-raba' ilu f'idejhom u kemm ilhom jaħdmuh. Lanqas ma ressqu provi ċari u univoċi li juru għalxiex kien jintuża din ir-raba' minnhom.

11. Dwar kemm ilhom l-atturi jokkupaw jew jaħdmu l-għelieqi tressqu dawn il-provi min-naħa tal-atturi:

i. fir-rikors tat-18 ta' Novembru 2010 li bih fetħu l-kawża l-atturi jsostnu illi "ilhom fl-okkupazzjoni effettiva ta' dawn iż-żewġ għelieqi ... għal aktar minn għoxrin sena ...";

ii. fl-ittra tiegħu tas-7 ta' Lulju 2010[1] lill-*Ombudsman* l-attur igħid li "l-art ... ilha tinħadem għal iktar minn tlieta u għoxrin (23) sena mill-mittenti ..."; igħid ukoll li kien ilu jaħdem ir-raba "... sa minn qabel l-1987..."[2];

iii. fl-ittra mingħajr data (li x'aktarx li ntbgħatet fil-bidu tas-sena 2008) lill-Prim'Ministru ta' dak iż-żmien, l-attur jgħid li ilu jaħdem l-għelieqi mertu tal-każ tallum ".. .għal dan l-aħħar 20 sena ..."[3];

iv. fl-*affidavit* tiegħu jgħid li ilu "żmien twil" jaħdem dawn l-għelieqi u żgur aktar mis-sena 2000[4]; fl-*affidavit* l-attur l-ewwel jgħid ukoll illi ilu jaħdem ir-raba' "għal aktar minn għoxrin sena"[5] iżda wara jgħid li huwa ċert illi beda jaħdem l-għelieqi magħrufin bħala *Tal-Blat* waħdu lejn l-aħħar tas-snin tmenin[6];

v. fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2001[7] l-attur jgħid li dak iż-żmien (jiġifieri fis-sena 2001) kien ilu aktar minn ħmistax-il sena jgħin fix-xogħol tar-raba';

---

1 *Fol*. 8

2 *Fol*. 9

3 *Fol*. 57

4 F*ol*. 152

5 *Fol*. 148

6 Ara *foll*. 148, 149

7 F*ol*. 121

vi. fix-xiehda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fis-16 ta’ Novembru 2015[8] l-attur imbagħad jgħid li ilu “fuq tletin sena” jaħdem ir-raba’;

vii. fl-applikazzjoni oriġinali tiegħu tal-2001 iddikjara li kien ilu jaħdem ir-raba’ għal xahar[9]!

12. Dawn il-verżjonijiet li ma jaqblux bejniethom xejn ma jsaħħu l-kredibilità tal-atturi.

13. Lanqas dwar l-użu li kienu jagħmlu mir-raba’ ma kienu konsistenti l-atturi: fir-rikors promotur tagħhom jgħidu li d-deċiżjoni tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern “ser joħloq preġudizzju serju lill-istanti billi huma ma humiex finanzjarjament f’qagħda li jikkompetu mat-terzi pretendenti, u barra minn dan l-uniku introjtu tagħhom huwa mix-xogħol tar-raba’ ...” (bla ma ressqu prova ta’ dan), u wkoll fl-*affidavit* tiegħu l-attur iżid jgħid li fuq din l-art kien jikkoltiva “bettieħ, qarabagħli, ful, qamħ, basal, qaqoċċ u dak kollu li kien hemm bżonn ...”[10].

14. Madanakollu, fix-xiehda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fis-16 ta’ Novembru 2015 l-attur igħid biss li kien jiżra’ l-qamħ, li jieħu sitt xhur bejn meta tiżra’ u meta taħsad, u l-bqija tas-sena l-art tibqa’ mitliuqa; massemma xejn dwar “bettieħ, qarabagħli, ful, basal, qaqoċċ u dak kollu li kien hemm bżonn”.

---

8 *Fol*. 667

9 *Foll*. 374 *et seq.*

10 *Fol*. 149

15. L-attur lanqas ma kien ċar dwar jekk meta beda jaħdem ir-raba' kienx jaħdmu flimkien mal-aħwa Micallef jew inkella kinex jaħdmu waħdu, wara li waqfu jaħdmuh l-aħwa Micallef, u għalhekk l-għelieqi kienu żdingati qabel ma beda jaħdimhom l-attur[11].

16. L-imsejjaħ fil-kawża, Joseph Galea, min-naħa l-oħra, kien ċar u konsistenti ħafna kemm dwar il-perjodu meta beda jieħu ħsieb ir-raba' kif ukoll dwar l-iskop għal xiex kien jintuża l-istess raba':

    i. jikkonferma aktar minn darba li kien ilu jieħu ħsieb l-għelieqi mill-bidu tas-snin disgħin u jgħid ukoll li qabel ma beda jieħu ħsiebhom kienu fi stat ta' abbandun;

    ii. jispjega li peress li l-ħamrija ma kinitx tajba biex tinħadem (*i.e.* ma kinitx fertili) hu aktar kien jieħu ħsieb ir-raba' milli jaħdmu. Igħid ukoll li meta kien jaħdem l-art l-iktar li kien jiżra kienu xi fuliet.

17. Fix-xiehda tiegħu tal-11 ta' Frar 2014 igħid hekk:

> »Xhud: Hemm tliet nisa, aħwa Micallefijiet. Kont tkellimt ħafna magħhom, għedtilhom, "hawn din il-biċċa art, jien interessat noħodha", għax ma stajtx nissaporti bl-ammont ta' nies li kienu jiġu hemm hekk is-Sibt u l-Ħadd speċjalment, jagħmlu *rebus* sħiħ, jaħarqu, inaddfu, iħammġu. Qaltli "ara, dik fiż-żmien konna naħdmuha aħna", qaltli "imma mbagħad tlaqniha, għax dik proprjament mhux tgħajjat lilna, mhijiex tal-Knisja direttament; aħna qiegħda għand Mr Ellul Bonici, u aħna konna nagħtu l-qbiela lil Mr Ellul Bonici". Għedtilha "tista' tagħtini informazzjoni għax jien interessat fiha din". Qaltli "mela le; dan joqgħod Birkirkara" jew ma nafx fejn qaltli, jien mort għand xi ħadd Birkirkara u tawni informazzjoni li din kienet fil-Parroċċa tan-Naxxar u dak għaddewni għand il-Kurja u wara spiċċajt hemmhekk ċempilt lil Mr Ciliberti dak iż-żmien. Qalli "agħmel applikazzjoni". Għamilt applikazzjoni u mbagħad

[11] Ara *foll*. 57, 148, 149, 559, 560.

mar qalli "isma', dan ċertu Ellul Bonici għamel kawża kontra l-Knisja biex dawn il-biċċtejn art", aħna qed nitkellmu fuq żewġ (2) tomniet biss, mhux area kbira. Jien meta mort il-Kurja għamilt l-applikazzjoni imma l-applikazzjoni ġiet irrifjutata, mort kellimtu lil Mr Ciliberti qalli "ma nistgħu nagħmlu xejn'; anke Mr Ellul Bonici jew min kien qalli għamel kawża lill-Kurja biex din l-art joħodha bit-*terms* tiegħu, bit-*terms* li kellu u l-qorti m'aċċettatx, jiġifieri hemm kawża fuqha din il-biċċa art żgħira, m'aċċettahx it-*terms* u tilifha l-kawża u din imbagħad *in block* għaddiet għand il-Gvern". Jien *in the meantime* meta rajt dawn l-affarijiet vera ma tantx għamilt kuraġġ, jien kien hemm il-biċċa ta' fuq, din l-art l-ewwel nett hemm għalqa żgħira quddiem u għalqa żgħira, il-biċċa ta' quddiem taħdimha għall-wiċċ, għax daqshekk ħamrija postijiet minnhom, bil-mutur ma stajtx ngħaddiha, ħalliha llum jippruvaw jgħadduha għax wieħed jipprova jgħaddiha u jagħmilha, li l-prodott jibqa' hemmhekk, lanqas biss jinqata', mhux darba jew tnejn dan. Jien bdejt innaddaf ta' fuq l-aktar, għax dawn jien idejquni kulħadd jagħmel il-*BBQs* quddiem faċċata tiegħi. Kienet f'kull interess tiegħi li din nipproteġġiha u kemm jista' jkun nirranġalha l-ħitan u jerġgħu jwaqqawhomli u ħafna affarijiet bħal dawn. Jien għamilt żmien noqgħod hemm hekk. Allura kien fl-interess tiegħi noqgħod noħroġ minn hemmhekk. Nista' ngħidlek ħaġa, sakemm saret l-applikazzjoni sa dik il-ġurnata s-Sur Lawrence dan qatt ma rifess siequ ġo fiha. Qatt ma resaq, qatt. Dan f'daqqa waħda kien hemm ħafna postijiet

»... … …

»Avukat: Inti hawn hekk qed tgħid: "Ilni naħdimha għal dawn l-aħħar sitt (6) snin fl-2001". Għedtilna li fit-2001 kont ilek taħdimha għal sitt (6) snin.

»Xhud: Nieħu ħsiebha mhux naħdimha. Naħseb li għedt nieħu ħsiebha.

»Avukat: Tieħu ħsiebha xi tfisser?

»Xhud: Inneħħi l-ħmieġ kollu, għamilt biċċa art, neħħejt il-ġebel, ġieli għamilt il-ħitan ta' quddiem, dik l-ispjegazzjoni kollha u ħaddieħor lanqas rifess seba'. Jien għamilt xi ħaġa.«

18. Fix-xiehda tiegħu tal-4 ta' Mejju 2015 a Joseph Galea żied jgħid hekk:

»Xhud: Le hemmhekk dik l-art tal-faċċata jiena kont noqgħod hemmhekk regolari jiġifieri fil-*weekends* dejjem hemm li għamilt ċertu spejjeż u nibqa' hemm, u ġieli għamilt anki sena u nofs noqgħod hemmhekk fi-lfatt. Dan kienu jiġu ħafna biċċa art jisimha *Ċens il-Ħarrub*, dik il-biċċa jisimha *Ċens il-Ħarrub*, li jiena kont staqsejt ta' min hi, kien hemm l-aħwa Micallef li tawni l-informazzjoni qaluli "xi darba konna naħdmuha aħna għax kienet b'ċens għandna, mhux

mingħand il-Knisja, mingħand ċertu Ellul Bonici" – għax dak l-unika ħaġa li kellhom mingħand Ellul Bonici – "li kien għadihielna lilna, imbagħad abbandunajnieha għax mhux tajba bħala art, ma tipproduċix biżżejjed". Jien min-naħa tiegħi kienet ittini f'għajni għax fil-*weekends* jitilgħu ħafna dawn li jagħmlu l-*BBQs* u hekk u jaħarqu siġra u ħafna mbarazz u spiċċajt skużi kennies hemmhekk jien għax jien fl-interess tiegħi nkun qiegħed hemmhekk, u rranġajt xi biċċa u nieħu ħsieb naqra 'l hawn u naqra 'l hemm u kemm jista' jkun tagħmilha mhux ħażin hux almenu rranġajtilha l-ħajt ħalli n-nies kemm jista' jkun ma joqogħdux jidħlu quddiemi u joqgħodu jagħmlu l-affarijiet. *In the meantime* jien applikajt … … …

»Avukat: Qabel xejn dan iż-żmien li inti dħalt f'din l-art, bdejt tieħu ħsiebha, tiftakar il-perjodu meta kien minn meta bdejt tieħu ħsiebha bħala sena?

»Xhud: Jien naħseb kien xi '95 xi ħaġ'hekk f'dak l-area, *those regions* hux, għax jien applikajt mingħalija fin-'96, il-Knisja l-ewwel m'applikajt għax huma qaluli kienet taħt il-Paroċċa tan-Naxxar hemmhekk għax huma kellhom xi biċċiet oħrajn hemmhekk, imma jien x'ħin iċċekkjajt ...

»Avukat: U għamilt l-applikazzjoni mall-Knisja; għandek xi dokumentazzjoni?

»Xhud: Dokumentazzjoni ppreżentajtu jiena diġà qegħdin hemmhekk. U għamilt applikazzjoni mal-Knisja u kont kellimt lil ċertu Mr Ciliberti kien qiegħed *in charge* mill-artijiet, qalli "issa għaddejna kollox", għax jien barra li bgħatt l-ittra irċivejt fin-negattiv għax għaddewha lil *Lands*, kont kellimt lil Ciliberti qalli din il-biċċa art Ellul Boniċi kellu kawża l-Qorti fuqha fuq din partikolari, dan qisu xi tomnejn kull m'hemm, jew xi ħaġa, u talabha lill-Knisja għax ried jixtriha hu. *Somehow* kien hemm din il-kwistjoni bejniethom u spiċċa l-qorti imma hu tilifha, però wara din il-biċċa xogħol kien hemm din il-biċċa tal-Gvern li għaddewha kollha lil Gvern u jiena mbagħad x'ħin rajt li kelli risposta negattiva applikajt għaliha mal-*Lands Departmen*t. Il-*Lands Department* għidtlu jew ikrihieli jew bigħhieli għax jien qed nieħu ħsiebha din u fl-interess tiegħi li nżomm l-ambjent hemmhekk tajjeb. Qalli jiddispjaċini ħafna *at this moment* la qegħdin nixtru, la qed inbigħu u lanqas qegħdin nikru. U spiċċajna hekk hux.«

19. Illi l-ħamrija ma kinitx fertili – u konsegwentement ma kinitx tajba biex tikkultiva l-prodotti – ma ġiex ikkonfermat biss mill-imsejjaħ fil-kawża Joseph Galea iżda wkoll minn Dolores Micallef, waħda mill-aħwa Micallef, li fix-xiehda tagħha tal-24 ta' Ġunju 2014 qalet hekk:

| | |
|---|---|
| »Avukat: | Issa Ellul Bonici meta kien għadu ħaj kien jaħdimha hu l-art jew kontu taħdmuha inthom? |
| »Xhud: | Ħdimnieha ftit aħna għax mhux tajba l-ħamrija. |
| »... … … | |
| »Xhud: | Jiena dħalt mal-Gvern. Xi trid tagħmel? L-art ma kinitx tajba, ma kellniex biex, … … …« |

20. Dolores Micallef kompliet tgħid ukoll li l-art kienet abbandunata wara li hija u ħutha waqfu jaħdmuha. Fix-xiehda tal-24 ta’ Ġunju 2014 qalet hekk:

| | |
|---|---|
| »Avukat: | Issa min kien jaħdimhom dawn l-għelieqi meta ġew għand il-Mamà tiegħek? Min kien fisikament jaħdimhom dawn l-artijiet? |
| »Xhud: | Ommi, imbagħad ilħaqna ftit aħna, imbagħad insomma mbagħad tlaqnieh, hux. |
| »... … … | |
| »Xhud: | Imbagħad jiena dħalt mal-Gvern u tlaqna kollox. |
| »Avukat: | Imma kemm domtu sena, sentejn? |
| »Xhud: | Le iżjed. |
| »Avukat: | Imbagħad x’ġara? tlaqtuha l-art? imbagħad x’ġara? |
| »Xhud: | Tlaqnieha mbagħad. Is-Sur Ellul Bonniċi qal “iżżommuha intom?” Qalli “issa nikklearjaha u tistgħu tidħlu intom”. |
| »Avukat: | U x’għamiltu inthom? |
| »Xhud: | Xejn. |
| »Avukat: | Kontu tikruha lil xi ħadd intom? |
| »Xhud: | Le, ma konnix nikruha. |
| »Avukat: | Illum il-ġurnata tajtuha lil xi ħadd jew għadha għandhom? |
| »Xhud: | Le, qiegħda għand Wenzu. |
| »Avukat: | Issa kif ġiet għand Wenzu? |
| »Xhud: | Ħeqq, kienet mitluqa. |
| »Avukat: | Talabhielkom? |
| »Xhud: | Għidnielu jista’ joħodha. |
| »Qorti: | Kontu diġa’ neħħejtuha l-art dak iż-żmien hux hekk? |
| »Xhud: | Iva |
| »Qorti: | Warajkom min daħal, tafu jew ma tajtux kas, fl-art? |
| »Xhud: | Ħadd. |
| »Qorti: | Ħadd ma kien daħal fl-art? |
| »Xhud: | Le, ħadd; mitluqa. |
| »... … … | |

»Avukat: Mela intom tiftakru jekk fis-sena 2007, jiġifieri qed nitkellmu seba' snin ilu, ġejtu mitlubin tagħmlu xi dikjarazzjoni, tiddikjaraw għal Wenzu li kontu taħdmu l-għalqa? Tiftakru kien ġie Wenzu għandkom u saqsiekom biex tagħmlu dikjarazzjoni għalih?

»Xhud: Saqsiena xi ħaġa fuq l-għalqa, għidtlu għalina jista' joħodha, u għidtlu "tista' toħodha għax m'hu jużaha ħadd, mitluqa".

»... … …

»Qorti: M'għidtulux li qabel kienet ta' Ellul Bonici?

»Xhud: Iva u nahseb kien jaf ukoll.

»Qorti: U kien jaf hu wkoll?

»Xhud: Naħseb li kien jaf hu. Kien igħidilna ara jaħasra mitluqa.«

21. Minn din ix-xhieda ta' Dolores Micallef joħroġ illi ma hu minnu xejn dak li jgħid l-attur li qabel ma l-aħwa Micallef telqu l-għalqa hu kien igħinhom jaħdmuha u mbagħad meta telquha kompla hu flokhom. Bejn meta telqu r-raba' l-aħwa Micallef u daħal fih l-attur, l-art għamlet żmien mitluqa u abbandunata. Kull ma ġara bejn l-aħwa Micallef u l-attur hu li meta hu wera interess fl-art huma kienu lesti "igħinuh b'kelma".

22. Ukoll, din il-qorti, bħall-ewwel qorti, issibha diffiċli li taċċetta li l-perit tal-attur appellant ħa żball meta naqas milli jinkludi madwar elfejn metru kwadru (2,000 m$^2$) fl-applikazzjoni originali tal-attur tal-2001. Il-perit igħid illi kien "id-dipartiment" li bagħat igħarrafhom dwar dan l-iżball, iżda la wera l-korrispondenza li biha d-dipartiment għarrafhom b'dan l-iżball u lanqas ma qal b'mod ċar liema kien dan id-dipartiment, jekk hux tal-artijiet jew tal-agrikoltura.

23. Barra minn hekk, Martin Bajada, funzjonarju tad-Dipartiment tal-Artijiet, bl-ebda mod ma kkonferma li xi ħadd mid-dipartiment kien ġibed l-attenzjoni tal-perit għal dan l-iżball; anzi, fix-xiehda tiegħu tat-22 ta' April 2013 jgħid hekk:

> » Għaddew sitt snin, *presso a pocco*, fejn dan qed jgħidilna bi żvista jien qed nissottometti pjanta li turi l-art li tappartjeni, li jaħdem is-Sur Gauci u din l-ittra qed tissostitwixxi, qed tissupersidja l-ittra oriġinali, l-applikazzjoni tiegħu. Illi d-dipartiment wara d-data tat-28 ta' Frar ma jilqa' l-ebda talba oħra addizzjonali. Però hija recorded fil-file, għandu dritt idaħħalha, l-ittra daħlet ukoll.«

24. Fi kliem ieħor, l-inizjattiva dwar dan l-iżball ma kinitx tad-dipartiment.

25. Il-perit jgħid ukoll li dan kien żball tad-*draghtsman* tiegħu għaliex uża *scale* ħażin. Il-qorti kienettistenna illi dan id-*draughtsman* jissemma b'ismu u jittella' bħala xhud biex ifisser ir-raġuni wara d-diskrepanza x'aktarx konsistenti fil-kejl tar-raba' bejn l-ewwel applikazzjoni tal-atturi u fit-tieni waħda.

26. Rajna[12] illi x-xiehda ta' Joseph Galea, l-imsejjaħ fil-kawża, hija ta' min joqgħod fuqha, u għalhekk nistgħu noqogħdu wkoll fuq l-ittri mibgħuta mill-avukat tiegħu fil-21 ta' Frar 2001 u fl-20 ta' Frar 2002 lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt u lill-Kummissarju tal-Artijiet għax l-avukat kien qiegħed jimxi fuq tagħrif illi tah Galea.

27. Fl-ittra tal-21 ta' Frar 2001 l-avukat tal-imsejjaħ fil-kawża jgħid hekk:

> »Filwaqt li l-klijent tiegħi qiegħed jipprepara l-formuli għar-rikonoxxi-ment, din il-ġimgħa xi ħadd qabad u daħal fl-għalqa u ħaratha. Tista' timmaġina kemm din l-azzjoni inkwetat il-klijent tiegħi ... ……
>
> »Għaldaqstant qiegħed nieħu l-okkażjoni biex ġentilment ninfurmak bl-istat ta' fatt dwar *Ċens il-Ħarrub* peress li l-klijent tiegħi ma jixtieqx jinqala' barra minn din l-għalqa għax jidher ċar li min qabad, daħal u ħartha għamel hekk bi skop ... … …«[13]

28. Fl-ittra tal-20 ta' Frar 2002 l-avukat imbagħad igħid hekk:

> »Fl-aħħar ittra indikajt li fil-2001 xi ħadd kien għamel pussess minn din l-għalqa u ħaratha. Din il-persuna li llum ġiet identifikata Laurence Gauci qiegħed issa iġib ammont sustanzjali ta' materjal u jiddeposita

---

12 Para. 16 *et seqq. supra*

13 *Fol*. 662

> fl-għalqa. Fil-fatt il-klijent tiegħi huwa inkwetat ħafna għaliex anki rċieva telefonati anonimi li heddewh inkonnessjoni ma din l-għalqa u mħabba biża' kien qiegħed joqgħod lura milli jidħol fl-għalqa ... … …«

29. Din hija indikazzjoni oħra ta' meta l-attur beda jfittex li jieħu l-art f'idejh, li ma taqbilx mal-verżjoni tiegħu.

30. Għalkemm l-atturi jistrieħu fuq ix-xiehda ta' Victor Gauci (nassab li kellu mansab fl-inħawi tal-art) u a ta' Adam Mark Deguara (li kien jitla' ħdejn ir-raba' ma' sħabu nassaba), dawn bl-ebda mod ma jikkonfermaw bil-ġurament illi l-artijiet li kienu maħduma mill-attur kienu dawk li dwarhom saret il-kawża tallum. Ir-raba' magħruf bħala *Tal-Blat* jinkorpora fih artijiet oħra barra dawk mertu tal-kawża u għaldaqstant minn din ix-xiehda din il-qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-attur tassew kellu r-raba' in kwistjoni in bona fide għal sentejn jew aktar qabel is-sena 2001. Il-provi li tressqu mill-atturi għalhekk mhux biss ma humiex korroborati mix-xiehda ta' Dolores Micallef iżda wkoll bl-ebda mod ma huma prova ta' min joqgħod fuqha li l-atturi kellhom xi forma ta' pussess, u wisq anqas pussess għal mill-inqas sentejn fuq l-art qabel ma nħareġ l-iskema mid-dipartiment.

31. Kontra dan kollu l-atturi ħarġu biss bl-argument illi d-direttur ġenerali tad-dipartiment qagħad fuq tagħrif mogħti lilu mis-subalterni tiegħu flok indaga hu personalment. Dan l-argument kien ikollu xi qawwa li kieku lill-atturi seħħilhom juru li dak it-tagħrif kien ħażin, iżda kull ma ntwera lil din il-qorti hu li t-tagħrif mogħti mill-atturi, u mhux dak li qagħad fuqu d-direttur ġenerali, ma kienx ta' minjoqgħod fuqu.

32. Din il-qorti għalhekk taqbel għalkollox ma' dak li qalet l-ewwel qorti illi l-attur, bil-ħsieb li jikseb jedd fuq ir-raba', qabad u daħal fih ftit wara li ħareġ l-iskema *i.e.* fil-bidu tas-sena 2001, u sitt snin wara l-ewwel applikazzjoni tiegħu kompla jipprova jakkwista wkoll aktar art, li wara kollox kienet art xagħri li ma setgħet qatt taqa' fl-iskema.

33. Din il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

34. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da